MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 371/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gordon Borda**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-imputat Gordon Borda, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha huwa nstab hati ta' reati konnessi ma' l-abbuz ta' droga u gie kkundannat, fost ohrajn, ghall-piena ta' prigunerija.

**2.** L-imsemmi Gordon Borda (bin Joseph u Maria Carmela nee Demicoli, imwieled fl-20 ta' Marzu 1975, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 150475M) gie akkuzat, fl-1 ta' Gunju 2003, quddiem il-Qorti Inferjuri talli fit-30 ta' Mejju 2003 u fit-tmintax-il xahar ta' qabel (**i**) forna jew ipprokura

jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina u kokajina bi ksur tal-ligi, (**ii**) kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina u kokajina bi ksur tal-ligi, b'dan illi d-droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu.

**3.** Bis-sentenza taghha aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tal-15 ta' Dicembru 2008, il-qorti ta' prim istanza sabet lill-imsemmi Borda hati skond l-ewwel imputazzjoni, u hati wkoll skond it-tieni imputazzjoni, b'dan, pero`, li fil-kuntest ta' din it-tieni imputazzjoni, l-aggravanti tal-pussess mhux ghall-uzu personali tal-possessur kienet tapplika biss ghall-erojina izda mhux ukoll ghall-kokajina. Dik il-qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi applikabbli, inkluzi l-Artikoli 17(h) tal-Kodici Kriminali u 29 tal-Kap. 101, ikkundannat lil Gordon Borda ghall-piena ta' **sena prigunerija** (bis-solitu tnaqqis tal-arrest preventiv) kif ukoll **multa ta' €1100** ("liema multa tista' tithallas b'rati ta' €80 fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat mil-lum…jekk xi pagament minn din il-multa ma tithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa…[u] jekk xi parti mill-multa tibqa' mhux imhallsa din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux"). Dik il-qorti ordnat ukoll lill-hati jhallas is-somma ta' **€590.96 spejjez peritali**; ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

**4.** B'rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti – il-Qorti tal-Appell Kriminali – fit-18 ta' Dicembru 2008, Gordon Borda appella minn din is-sentenza. Huwa qed jitlob ir-riforma tal-imsemmija sentenza billi din il-Qorti joghgobha (a) tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati ta' pussess aggravat tal-kokajina u fejn sabitu hati ta' pussess semplici ta' kokajina, izda (b) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u fejn sabitu hati ta' pussess aggravat tal-erojina u ghalhekk tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, **jew alternattivament u minghajr pregudizzju** tirriforma s-sentenza kwantu ghall-piena.

**5.** L-appell gie tratatt fl-udjenza tal-24 ta' Lulju 2009. L-aggravji tal-appellant huma effettivament tnejn. L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti, b'mod generali, filli s-

sejbien ta' htija tieghu mill-ewwel qorti kien "unsafe and unsatisfactory". Hu jikkontendi, bazikament, li l-ewwel qorti malament strahet fuq id-deposizzjonijiet ta' Jacqueline Skalin u ta' Kevin Brincat peress li dawn, skond hu, kienu xhieda mhux affidabbli, b'tali mod li l-ewwel qorti ma kellhiex tistrieh fuqhom. L-appellant jillanja li l-ewwel qorti ma ghamlitx analizi korretta ta', u ma tatx id-debitu piz lil, id-deposizzjonijiet tieghu, ta' Josette Bickle, ta' ommu u ta' nanntu (ghalkemm lealment jammetti li d-deposizzjonijiet ta' ommu u ta' nanntu huma pjuttost marginali). Jishaq li kien hu stess li talab li jsir ezami ghall-impronti digitali fuq iz-zewg bajdiet tal-plastik, ossia kapsuli, tal-Kinder Sorpresa (li f'wahda minnhom instab ammont ta' droga), u jghid li hu zgur ma kienx ser jitlob tali analizi li kieku, kif qalet Skalin, kien hu li pogga d-droga fiha "u allura presumibbilment kellu kuntatt fiziku [mal-kapsula]".

**6.** Din il-Qorti ezaminat minuzjozament id-deposizzjonijiet u l-atti kollha, u waslet ghall-konkluzzjoni li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel qorti. Hawn si tratta ta' kwistjoni ta' kredibbilita`, fejn l-ewwel qorti kellha l-opportunita` tisma' *viva voce* u tara lil kull xhud jiddeponi quddiemha. Kif inhu risaput din il-Qorti ma tirrimpjazzax il-konkluzjoni taghha dwar il-provi jekk, wara ezami akkurat tal-istess, tkun tal-fehma li l-ewwel qorti setghet – jew fil-kaz ta' appell minn verdett tal-Qorti Kriminali, il-gurati setghu – legalment u ragjonevolment tasal (jew jaslu) ghall-konkluzzjoni taghha (jew taghhom). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ma qalitx semplicement li hija kienet qed temmen versjoni jew versjonijiet u tiskarta versjoni jew versjionijiet ohra. Jekk wiehed jaqra dik is-sentenza jara kif l-ewwel qorti, wara li ghaddiet in rassenja u fid-dettal il-provi kollha li kienu ingabru, tat ragunijiet pjuttost dettaljati ghala kellha tigi accettata versjoni jew versjonijiet partikolari u tigi skartata versjoni jew versjonijiet ohra. Hekk, per ezempju, l-ewwel qorti, fil-paragrafu 35 tas-sentenza taghha, osservat is-segwenti: *"Barra dan, il-komportament tax-xhieda ewlenin ma jqajjimx is-suspetti li d-difensur ried li jqanqal. Jacquelin Skalin xehdet fl-4 ta' Gunju 2003 jew erbat ijiem biss wara l-arrest tal-imputat (fol. 24 et). Hemm dettalji tal-*

*hin meta l-imputat deher id-dar u qalet dwar id-direzzjoni li kien taha l-imputat biex tarmi jew tiflaxxja d-droga. Hija qalet li kienet tixtri d-droga minn hdejn Bieb il-Belt kif ukoll minghand l-imputat.”* F’paragrafu 38 jinghad hekk: *“Il-Qorti wkoll la qed tafda l-verzjoni ta’ omm l-imputat u lanqas ta’ nanntu. Dawn tistenna li jiddefendu lil binhom/in-neputi taghhom, izda lanqas f’din id-difiza ma spikka xi haga li b’xi mod tqanqal xi dubju f’mohh din il-Qorti li kien l-imputat li biegh jew ta d-droga lil tnejn min-nies u ghal aktar minn darba.”* Kwantu ghad-deposizzjoni ta’ Kevin Brincat, l-ewwel qorti osservat hekk f’paragrafu 42: *“Jekk wiehed irid jivvinta fuq dak li jkun ma jasalx biex jaghti dettalji grafici bhal dawk li jidhru a fol. 118 fin-nofs. Jidher ukoll li l-interess ewlieni li kellu dan ix-xhud kien li jehles lil ohtu* [Josette Bickle] *ghaliex l-affarijiet li kienu sabu l-Pulizija* ***precedentement*** *kienu* ***tieghu*** *u ma riedx li ohtu tehel bihom. Lanqas jekk wiehed jaccetta li l-imputat u dan ix-xhud kien ikollhom xi jghidu, il-Qorti ma tistax tiskarta xiehda li* [recte: fejn] *nghataw mhux biss il-figuri ta’ flus, ta’ ammonti, ta’ forma ta’ ippakjar – sahansitra kif kienet tkun il-borza tal-kokajina – u ta’ zmien (ara 112) u l-post (ara fol. 114).”* U fl-ahhar nett fil-paragrafu 49 ta’ dik is-sentenza wiehed isib: *“Hemm bahar ta’ differenza bejn in-naturalezza fil-mod kif irrispondiet* [Skalin] *‘Mhux minghand Gordon* [kont nixtri]*?’, ghall-mod kif xehed l-imputat li kien ‘in constant denial’ izda bl-anqas mod konvincenti. Li kieku l-verzjoni tal-imputat kellha mill-verita`, dan kienet titla’ fil-wicc bla tbatija ta’ xejn. Bil-maqlub it-tonalita`, is-sentenzi u l-agir tieghu fuq il-pedana tax-xhieda taw indikazzjoni wahda: dak li kien qed ighid ma kienx il-verita`.”* Huwa minnu li fis-sentenza taghha l-ewwel qorti ma ghamlitx referenza specifika ghall-kwistjoni tal-“finger prints”, jew ahjar l-assenza taghhom – ghax fil-fatt kullma kien hemm kien ftit tizlic li ma kienx tajjeb ghall-komparazzjoni – u ghall-fatt li t-talba biex jigu ezaminati iz-zewg bajdiet (kapsuli) tal-plastik saret mill-imputat. Hawn ghandna prova negattiva li, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, ftit li xejn tista’ tiskossa l-preponderenza tal-provi li gabet il-prosekuzzjoni kontra l-appellant, allura imputat. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**7.** It-tieni aggravju hu dwar il-piena, li l-appellant jikkonsidra li ma kienitx taghmel ghall-kaz. Fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tal-24 ta' Lulju 2009, l-abbili difensur tal-appellant fisser li llum l-appellant kien "irriabilita ruhu", jew, aktar precizament, li ma kellux problemi aktar "mal-gustizzja". Qal ukoll li l-ewwel qorti ma tatx piz bizzejjed lill-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tosserva li l-piena massima karcerarja li setghet timponi l-Qorti Inferjuri kienet ta' ghaxar snin prigunerija. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant dam kwazi sena jispacca d-droga, li dan ghamlu fil-konfront ta' aktar minn persuna wahda, u li l-ammont ta' droga misjuba (6.779 grammi) ma jistax jikkwalifika bhala *de minimis*. Inoltre l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ghamlet referenza specifika ghall-Artikolu 29 u qalet li kienet qed tapplika t-tnaqqis ta' zewg gradi. Ghalhekk ma hemm ebda raguni taht il-kappa tax-xemx ghala l-piena ghandha tigi varjata, hlief ghal punt wiehed, pjuttost ta' natura teknika: l-ewwel rata mensili tal-multa ghandha tithallas mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data li fiha l-appellant jiskonta l-piena ta' prigunerija ta' sena, u dan in omagg ghall-ordni, ossia sekwenza, li fih ghandhom jigu skontati l-pieni, kif imfisser fl-Artikolu 28(1) tal-Kodici Kriminali.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan pero` li l-ewwel pagament tal-multa ikun dovut mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data li fiha l-appellant jiskonta l-piena ta' prigunerija ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------